Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Qrendi

# NEWSLETTER

*Maħruġa mill-Amministrazzjoni, l-Istaff u l-Kunsill Skolastiku*

*"L-Iskola Tiswa"*

**Il-Motto tal-Iskola**

**DIĊEMBRU 2011**
**Ħarġa Nru. 3**

**email: sbc.qrendi.pr@gov.mt**
**Tel: 21640673**

# *L-Annimali fil-Presepju... u fil-Ġenna le?*

***Int għandek xi annimal ħabib tiegħek?***
***Int qatt ħabbejt xi annimal?***
***Qatt ħabbejt xi annimal?***
***Qatt ħsibt kemm jaqduna l-annimali?***

U fl-istorja tat-twelid ta' Ġesu' nsibu wkoll imsemmija il-baqra, il-ħmara u n-ngħaġ. U tgħid ma kiex hemm xi brimb u xi tiġieġa wkoll fil-għar.

It-tiġieġa, il-baqra, in-naħla, il-ħmara, l-għasafar, il-brimba, is-serduk u tant u tant annimali oħra?

Imbagħad xi ngħidu għall-kelb u għall-qattusa, għall-fenek u għall-qattusa, għall-fenek u l-fekruna. U nistgħu nibqgħu sejrin insemmu annimali oħra li jimlewlna ħajjitna.

Ħafna minn dawn l-annimali jissemmew ukoll fil-Bibbja. San Ġużepp kellu ħmara, Abel kellu n-ngħaġ, Abraham kellu l-iġmla u l-gidjien, Noe' ġabar kemm annimali sab fl-arka tiegħu.



Dawn l-annimali kollha taw sehemhom biex jaqdu lil Ġesu', lil Marija u lil Ġużeppi kif ser nisimgħu fir-rakkont waqt ir-reċta tal-Milied.

Kieku kont int kont iddaħħalhom fil-ġenna lill-annimali? Kont issibilhom post?

L-Amministrazzjoni, l-Istaff u l-Kunsill Skolastiku jistednukom sabiex tkunu magħna nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru sabiex issegwu r-reċta mtella' mit-tfal kollha tal-Iskola Primarja tal-Qrendi bl-isem ta' "L-Annimali fil-Presepju... u fil-Ġenna le?" waqt Jum iċ-Ċelebrazzjoni 2011.